# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 138/18 RM**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittjiet tal-assigurat taghha James Jonathan King, skont il-ligi u l-polza (N18001941)**

**-Vs-**

**Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma**

**Illum, 7 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited fit-3 ta' Dicembru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkudanna lis-socjeta' konvenuta thallas lilha s-somma ta' sitt elef u erbghin euro u hamsa u hamsin centezmu (Eur 6,040.55) rapprezentanti hsarat sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici in segwitu ghal perkolazzjoni ta' ilma li sehh fis-17 ta' Gunju 2018, fi Triq Lord Byron, San Pawl tat-Targa u li b'rizultat tieghu kien hemm tnixxija ta' ilma u hsarat sostanzjali fil-garaxx sottopost ghall-fond ''Orion'' Maisonette 4, Triq Lord Byron, San Pawl tat-Targa propjeta' tal-assikurat, u ghal liema hsarat is-socjeta' rikorrenti hallset lill-assikurat taghha u konsegwentement giet surrogata fid-drittijiet tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2154/2019 u bl-interessi mill-24 ta' Ottubru 2019, data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ppreżentata fit-8 ta' Jannar 2020 fejn ħie eċċepit:-

1. *Illi in linea preliminari l-Korporazzjoni konvenuta tirrileva li hi mhix il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li hi ma wettqet ebda xogholijiet fi Triq Lord Byron fiz-zmien li sehhet l-allegata perkolazzjoni li kellhom iwasslu ghall-perkolazzjoni msemmija.*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal fuq premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-incident ma sehhx minhabba xi htija tal-Korporazzjoni esponenti;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta' attrici trid igib prova tal-allegata surroga;*

4. *Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici ghandha ggib prova tad-danni allegatament sofferti;*

5. *In linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni pretiz mill-attur ghadu jigi adegwatament provat u f'dan l-istadju qieghed jigi kkontestat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur."*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-20 ta' Jannar 2022;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-atti u l-provi jirriżulta illi l-maisonette bin-numru 4 u l-*basement* sottostanti, ġewwa Triq Lord Byron, San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar di proprjeta' ta' James Jonathan King kien assigurat mas-soċjeta' attriċi, GasanMamo Insurance Limited, taħt polza ta' assigurazzjoni bin-numru O12792911. Jirriżulta wkoll li din il-polza kienet fis-seħħ meta, fis-17 ta' Ġunju 2018, kwantita' sostanzjali ta' ilma skula għal ġewwa l-*basement* tal-fond assigurat fejn kienu qed jiġu stivati diversi oġġetti, inkluż għamara, li ġarrbu ħsara b'riżultat tal-ingress tal-ilma. Is-soċjeta' attriċi riżarċiet lill-assigurat tagħha fis-somma ta' €6,040.55 rappreżentanti d-danni sofferti bħala riżultat ta' dan l-ingress tal-ilma u ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu. Permezz ta' din il-kawża qiegħda tfittex ir-rifużjoni tas-somma li hija ħallset lill-assigurat tagħha taħt il-polza tal-assigurazzjoni.

**<u>Provi Saljenti</u>**

**James John King** xehed li hu l-proprjetarju tal-maisonette u l-*basement* sottostanti ġewwa 4, Lord Byron Street, Naxxar u kkonferma li din il-proprjeta' kienet assigurata mas-soċjeta' attriċi matul is-sena 2018. Fir-rigward tal-*claim* li huwa għamel taħt il-polza ta' assigurazzjoni in konnessjoni mal-akkadut mertu tal-kawża, hu spjega illi dak iż-żmien kienu qed isiru xogħolijiet ta' rinovazzjoni f'din ir-residenza u l-familja kienet marret toqgħod temporanjament ġewwa proprjeta' oħra sakemm ix-xogħolijiet

jitlestew u kienu stivaw l-affarijiet tagħhom ġewwa l-*basement*. Fis-7 ta' Ġunju 2018 huwa mar jittawwal fir-residenza bħalma dejjem jagħmel u meta daħal fil-*basement,* ra li kien fih sitta jew seba' ċentimetri ta' ilma. Huwa nnota illi fit-triq, madwar ħames metri 'l bogħod mir-residenza, kien hemm ilma ħiereġ bis-saħħa minn taħt it-triq u kien ovvju għalih li kien infaqa' xi pipe tal-ilma fit-triq. Il-ġirien ċemplu lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma u wara xi nofs siegħa, wasal ħaddiem minn tagħha fuq il-post u daħal fil-*basement* biex jispezzjona l-ħsara. Dan kien kmieni wara nofsinhar u l-ilma kien għadu dieħel fil-*basement*. Wara li għaddiet siegħa, waslu iktar ħaddiema fuq il-post u rnexxilhom iwaqqfu temporanjament il-provvista tal-ilma mill-*mains* u qalulu biex jakkwista pompa biex jibda jneħħi l-ilma. Hu hekk għamel u l-ħaddiem li kien ġie l-ewwel fuq il-post għenu jħaddem il-pompa u jneħħi l-ilma mill-post.

James John King ikkonferma wkoll li peress li dakinhar kien il-Ħadd, huwa għarraf lill-kumpanija tal-assigurazzjoni bl-inċident l-għada t-Tnejn u min-naħa tagħha, il-kumpannija bagħtet *surveyor*, Odette Farrugia, li spezzjonat il-ħsarat u ħadet ħsieb il-proċess kollu. Huwa qal ukoll li kien hemm xi oġġetti danneġġjati li rnexxilhom isewwuhom fosthom *television,* sufan u siġġijiet li kienu ġodda u ġew imnaddfa, kif ukoll *fridge freezer*. Huwa tħallas is-somma ta' €6,040 mingħand GasanMamo Insurance Limited u kkonferma li kien issottometta l-*claim form* u kien ħejja wkoll it-*timeline*[1] li jinsabu esebiti fl-atti. Afferma wkoll li r-riċevuti kollha esebiti fl-atti huma riċevuti tat-tiswijiet u xiri tal-oġġetti li kienu danneġġjati u li ssewwew jew kellhom jinxtraw ġodda[2].

**Odette Farrugia**, is-*surveyor* u *loss adjustor* inkarigata mis-soċjeta' attriċi biex tevalwa l-*claim* li sar mill-assigurat tagħha in konnessjoni ma' dan l-inċident, xehdet illi hija marret fuq il-post assigurat fid-19 ta' Ġunju 2018 u wkoll fil-21 ta' Ġunju 2018, għamlet spezzjoni fil-preżenza tal-assigurat u ġabret l-informazzjoni kollha relevanti mingħandu biex tipproċessa l-*claim* li huwa għamel mas-soċjeta' attriċi.

---

[1] Dok. CF2 u CF3
[2] Ix-xhud ikkonferma wkoll il-firma tiegħu fuq is-subrogation form : Dok. CF5.

Ikkonfermat li kien qed isir xi xogħol dak iż-żmien fil-proprjeta' ta' James John King u li l-kontenut tal-maisonette kien qed jinżamm fil-*basement*. Il-ħsarat, fosthom fl-għamara f'dik iż-żona tal-*basement* li tintuża bħala *living area*, kienu konsiderevoli. Osservat ukoll li kien evidenti li kwantita' ta' ilma ipperkola minn ġol-ħitan tal-*basement*. Hija ħadet nota waqt l-ispezzjoni, ta' dak kollu li kien ġarrab il-ħsara u filwaqt li tat struzzjonijiet biex jittieħed azzjoni ħalli ma titkomplix issir ħsara, talbet mingħand l-assigurat tas-soċjeta' attriċi lista tal-oġġetti kollha li allegatament ġarrbu l-ħsara. Sussegwentement, hija wettqet eżerċizzju ta' evalwazzjoni biex jiġi stabbilit jekk il-valuri indikati mill-assigurat għat-tiswijiet jew rimpjazzament tal-oġġetti danneġġjati, kienux aċċettabbli għall-fini ta' ħlas mill-assiguratur taħt il-polza tal-assigurazzjoni.

Odette Farrugia ħejjiet rapport[3] fejn, in sostanza, ikkonkludiet li abbażi tal-investigazzjonijiet li għamlet u l-informazzjoni li ġabret, l-ammont li ġie approvat għall-fini ta' pagament lill-assigurat (*total adjusted loss*) fuq il-*claim* li sar b'rabta mal-ħsara sofferta fil-bini u kontenut minħabba l-inċident tas-17 ta' Ġunju 2018, huwa ta' €6,040.55. Abbażi ta' dan ir-rapport, is-soċjeta' attriċi ħallset din l-imsemmija somma lill-assigurat tagħha wara li tnaqqas *excess payment* magħmul mill-istess assigurat fis-somma ta' €35.

Fix-xhieda tagħha Odette Farrugia kkonfermat ukoll illi l-assigurat għaddilha d-dokumentazzjoni kollha mitluba mingħandu u ħejjiet il-lista Dok. OF2: dan hu dokument finali li jindika l-valuri mitluba mill-assigurat għall-fini ta' riżarċiment li ġew approvati. Fissret ukoll li għall-approvazzjoni tal-valuri indikati mill-assigurat, l-emfasi jkun fuq valur li hu raġjonevoli anzicche' fuq riċevuti, għaliex mhux dejjem possibbli li jinstabu r-riċevuti tax-xiri jew li jerġgħu jinxtraw l-istess oġġetti identiċi li jkunu sfaw danneġġjati.

**Adrian Sciberras**, *manager* mal-Korporazzjoni konvenuta, xehed illi r-rapport dwar l-iskular tal-ilma fi Triq Lord Byron, Naxxar, daħal fil-11.00 a.m. fis-17 ta' Ġunju

[3] Dok. OF1.

2018 u meta l-ħaddiema marru fuq il-post, sabu li s-*service pipe* li kien għaddej taħt it-triq faċċata tal-fond in kwistjoni, kien ittaqqab b'rizultat ta' *wear and tear*. Iktar tard fl-istess ġurnata, il-Korporazzjoni konvenuta sospendiet il-provvista tal-ilma għal ġol-proprjeta' sabiex titwaqqaf il-perkolazzjoni ta' iktar ilma u l-għada 18 ta' Ġunju 2018, sewwiet ukoll il-ħsara fil-pipes billi nbidlu s-*service pipes* kollha u saru ġodda.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

It-teżi tas-soċjeta' attriċi hi li l-ilma li skula ġewwa l-fond tal-assigurat tagħha u kkaġuna ħsarat fil-kontenut tal-*basement* tal-fond, kien provenjenti minn *leak* f'waħda mill-pipes tal-Korporazzjoni konvenuta li jġorru l-provvista tal-ilma fil-proprjeta' u li għalhekk, il-ħsara kkaġunata mill-ilma ġrat bi ħtija tal-istess Korporazzjoni.

Mhux kontestat u f'kull każ jirriżulta mill-provi, li dan l-ingress tal-ilma fil-proprjeta' assigurata kien qed jiskula minn waħda mis-*service pipes* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li sservi l-ilma għall-arloġġ (*meter*) ta' dan il-fond. Madanakollu, il-Korporazzjoni konvenuta tiċħad li hija responsabbli għad-dħul tal-ilma fil-fond in diżamina u għad-danni konsegwenzjali li ġew sofferti.

Fir-Risposta tagħha, il-Korporazzjoni teċċepixxi fl-ewwel lok li hija ma wettqet l-ebda xogħolijiet fi Triq Lord Byron fiż-żmien tal-akkadut u għalhekk ma tistax titqies li hija l-leġittima kontradittriċi tat-talba attriċi. Iżda l-Qorti tosserva li mkien ma ġie allegat mis-soċjeta' attriċi li l-ħsara ġiet ikkaġunata b'riżultat ta' xogħolijiet eżegwiti mill-Korporazzjoni fit-triq fejn tinsab il-fond assigurat. Effettivament, kif rajna, mhux kontestat illi l-ilma li skula ġewwa l-fond assigurat u kkaġuna d-danni, kien provenjenti minn *leak* f'waħda mill-kanen tal-Korporazzjoni stess.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et** deciza fit-28 ta' Settembru 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza*:-

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell: "In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."*

Wara li rat ix-xhieda ta' Adrian Sciberras, il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija bla bażi kwantu dan ix-xhud stqarr huwa stess li ġie kostatat mill-ħaddiema tal-Korporazzjoni li marru fuq il-post, li l-ilma ħareġ minn *service pipe* li kien ittaqqab mhux minħabba li kienu qed jiġu eżegwiti xi xogħolijiet da parti tagħha iżda minħabba *wear and tear*. Minn dan m'hemmx dubju li hemm ness evidenti bejn l-iskular tal-ilma u l-ħsarat sofferti fil-fond assigurat fuq naħa waħda, u l-ħsara fil-pipe tal-Korporazzjoni fuq in-naħa l-oħra u, għalhekk huwa ppruvat li hemm ir-rapport ġuridiku bejn it-talba fir-Rikors promotur u l-Korporazzjoni konvenuta: rapport li jfisser li l-konvenuta hija leġittima kontraditriċi għad-domanda attriċi.

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Il-Korporazzjoni tikkontendi wkoll fit-tieni eċċezzjoni li l-inċident li fih sofra d-danni l-assigurat tas-soċjeta' attriċi ma seħħx minħabba ħtija tagħha u in sostenn ta' dan, l-abbli avukat tal-Korporazzjoni, fit-trattazzjoni orali, għamel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kap. 355 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma). Dawn jipprovdu:-

*(1) Il-Korporazzjoni ma tkunx responsabbli għal xi ħsara magħmula lil persuna jew proprjetà konnessa mal-istallazzjoni tal-provvista tal-ilma li tkun ikkaġunata minn xi inċident li ma setax jiġi evitat, minn deterjorazzjoni raġonevoli jew minn konnessjoni ta' fittings tal-ilma mhux awtorizzat jew minn xi difetti fl-istallazzjoni mhux provduti mill-Korporazzjoni.*

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 18(2) il-Korporazzjoni mhux responsabbli, fejn ma jkunx hemm negliġenza u skont il-provvedimenti ta' dan l-Att, għal xi inkonvenjent jew ħsara attribwibbli għall-qadi ta' xi dmir impost b'dan l-Att.*

*(3) Il-Korporazzjoni mhix responsabbli partikolarment għal xiinkonvenjent jew ħsara kaġunata minn għarar li ġej minn azzjonita' tempesti naturali li jinqalgħu, ilma ta' taħt l-art jew tqallib tal-baħar.*

Il-Qorti tibda billi tosserva li peress illi din hija azzjoni għad-danni, għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali ta' dritt li jinsabu enunċjati fil-Kodiċi Ċivili taħt it-titolu ta' "Delitti u Kwazi Delitti", senjatament il-prinċipju li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, enunċjat fl-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili. L-Artikolu 1032(1) tal-Kap. 16, imbagħad, jipprovdi:-

"*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*"

Fir-rigward, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Dr. Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et**, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004, qalet hekk:-

"*L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ..... mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill- liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawża "Bonnici vs Mizzi", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od*

*una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172."*

Illi in materja speċifika tar-responsabbilita` għall-ħsarat ikkaġunat minn *inter alia* dħul ta' ilma minn fond ieħor, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi r-responsabbilita` hija ta' natura oġġettiva, b'mod illi s-sid li għandu taħt il-kontroll tiegħu dik il-proprjeta` minn fejn toriġina l-ħsara li tikkawża d-danni, għandu jwieġeb għad-danni li jsofri ħaddieħor minhabba f'dik il-ħsara. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**[4], li tittratta dwar ħsarat ikkaġunati bħala riżultat ta' ingress ta' ilma fi fond sottostanti għall-fond fejn ġie riskontrat difett f'xi kanna tal-ilma li kienet mirduma fil-ħajt, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk in propositu:-

*"Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' principju generali illi kull sid ta' bini hu prezunt li ghandu taht il-kontroll u disponibilita` tieghu mhux biss l-istruttura ut sic imma wkoll l-impjanti u l-installazzjonijiet ta' go fih. Gie ritenut ghaldaqstant minn din il-Qorti kif presjeduta illi "huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura illi jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali." Ara "Giovanni Vella et -vs- Michael Cilia", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 23 ta' Gunju, 2004;*"

Il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid ukoll:-

"*Anzi, dejjem fil-kaz ta' l-ispecje hawn ezaminat, strettament id-danneggjat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuza f'min igib fis-sehh l-event dannuz u, kwazi, kwazi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma ghandu l-possibilita li jaccedi fil-fond li minnu originat il-hsara u, allura, tezisti ghalih anke id-diffikolta` estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond;*

[4] Deċiża 23 ta' April 2010.

*Kif taraha din il-Qorti d-danneggjat hu gravat bl-oneru li jiddemostra li l-event gie prodott b'konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-hsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet tirrapprezenta dik il-kondizzjoni necessarja u sufficjenti fil-produzzjoni tal-hsara. Il-provi in atti dan jikkonfermawh. Jinghad a propozitu mill-Franzoni ("*Le obbligazzioni da fatto illecito", *Ed. Utet, 2004 p. 292),* "In questo modo, il danneggiato è gravato soltanto dall'onere di dimostrare l'esistenza del rapporto eziologico tra la cosa e l'evento del danno, mentre sul convenuto grava l'onere di provare l'esistenza di un fattore, estraneo alla sua sfera soggettiva, idoneo ad interrompere quel nesso causale *(Cass. 13 ta' Frar, 2002, Nru. 2075)";*

*Xi haga konsimili nghad minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha tas-7 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet "***Albert Farrugia -vs- Peter Galea et***", u cjoe, "***kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjetà` ta' l-appellanti***. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur.* ***Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principju tar-res ipsa loquitur****." Jikkonsegwi minn dan illi r-responsabilita` tissussisti ma' l-accertament posittiv ta' l-ingress ta' l-ilma mill-fond ta' l-appellanti u li dak il-fatt kellu effikacja kawzali fil-produzzjoni ta' l-event tal-hsara;"* (emfasi ta' din il-Qorti)[5]

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje ta' din il-kawża, il-Qorti tibda biex tosserva li kien hemm kwantita` konsiderevoli ta' ilma li daħal fil-fond tal-assigurat: dan jirriżulta mix-xhieda tal-assigurat innifsu, James John King li qal li kien hemm ħames jew sitt ċentimetri ta' ilma fil-*basement*, mir-rapport ta' Odette Vella li osservat

[5] Dan it-taghlim gie ribadit u applikat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Emanuel Spiteri et vs Id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt et** – 22 ta' Gunju 2017.

li ż-żona fejn daħal l-ilma kien "*submerged in flowing clean water*", mir-ritratti esebiti fl-atti[6] kif ukoll mill-entita' tal-valur tal-ħsarat reklamati.

Jiġi osservat ukoll li kif ammess mill-Korporazzjoni konvenuta nnifisha, l-ilma li skula għal ġol-*basement* tal-fond assigurat u kkaġuna l-ħsara, kien ġej minn *leak* f'pipe tal-ilma li kienet tinsab taħt it-triq u li dan il-pipe kien ittaqqab minħabba "*wear and tear*"[7]. Jirriżulta wkoll mill-provi li biex jitwaqqaf l-ingress tal-ilma ġol-fond, il-ħaddiema tal-istess Korporazzjoni li marru fuq il-post, kellhom jissospendu l-provvista tal-ilma għal ġol-fond[8] u jagħmlu tiswijiet temporanji u mill-provi l-Qorti fehmet li meta twaqqfet il-provvista tal-ilma għall-*mains*, l-ilma ma baqax diehel fil-fond assigurat. Mhux kontestat li dawn il-pipes li kien fihom il-ħsara huma effettivament tal-Korporazzjoni u kienu taħt il-kontroll tagħha u l-Qorti tqis li l-fatt illi hu ammess ukoll li dawn il-pipes li kellhom il-ħsara ġew mibdula, ma jistax ħlief ifisser illi dawn kienu ddeterjoraw sal-estremita' li kellhom jiġu sostitwiti.

**Dan kollu magħdud jikkonvinċi lill-Qorti illi s-soċjeta' attriċi rnexxilha tissodisfa l-oneru tal-prova mixħut fuqha, ċioe' li turi l-eżistenza ta' ness materjali dirett bejn l-event dannuż, ċioe' l-ingress tal-ilma fil-fond assigurat u l-ħsara fil-pipes taħt il-kontroll tal-Korporazzjoni konvenuta.** Stabbilit dan in-ness, il-Qorti hi sodisfatta li l-Korporazzjoni hi responsabbli għad-danni riżultanti.

F'ċirkostanzi bħal dawn, hu assodat fil-ġurisprudenza in materja li una volta jintwera li l-impjant li kkaġuna l-ħsara kien taħt il-kustodja tal-konvenut, biex il-konvenut jista' jillibera ruħu mir-responsabbilita' jeħtieġlu jipprova illi huwa ma kkontribwixxa la pożittivament u lanqas negattivament għall-fatt dannuż. B'zieda ma' dan, irid jiġi ppruvat ukoll illi dan id-dannu ma kienx preċedentement u raġjonevolment prevedibbli minn persuna ta' diliġenza ordinarja.

---

[6] Ara ritratti a fol. 15 u 16.

[7] Xhieda Adrian Sciberras, fol. 110.
[88] Ara xhieda ta' Adrian Sciberras, fol. 111.

Waqt it-trattazzjoni finali, l-abbli avukat tal-konvenuta għamel referenza għall-Artikolu 21 tal-Kap. 355, li kif rajna jipprovdi li l-Korporazzjoni m'hijiex responsabbli meta l-ħsara sseħħ minħabba forza maġġuri, mingħajr ebda negliġenza da parti tagħha jew minħabba inċident li ma setax jiġi evitat.

Iżda dan żgur mhux il-każ f'din l-istanza. Il-Qorti hi tal-fehma li ġie ppruvat sodisfaċjentement li l-event dannuż li kkaġuna l-ħsarat fil-fond, seħħ minħabba nuqqas ta' manutenzjoni ta' dawn is-*service pipes* da parti tal-Korporazzjoni konvenuta. Inoltre, apparti li ma ġiex serjament kontestat mill-Korporazzjoni li dan il-każ kien wieħed fortuwitu jew li ma setax jiġi evitat, jinsab ritenut paċifikatament in materja li:-

"*... biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili b'mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias" (ara sentenza Micallef vs Belle Mc.Cance 7/5/1983 Vol 37 p 2 p 638).*" [9]

Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Simonds Farsons Cisk plc vs Mark Gerald Naylor et**[10], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili riteniet hekk:-

*"Skond id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti l-kawza ghal liema d-debitur mhux imputabbli hi identifikata f'event straordinarju jew imprevidibbli. Dawn huma ezemplifikati fiz-zewg koncetti predominanti tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri ... Hekk, huwa konkordi illi "il caso fortuito e la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione od omissione volontaria o colposa, non prevedibile e almeno non evitabile" ("Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919). Li jfisser, illi l-kaz fortuwitu jew il-forza magguri ma jehilsux mir-responsabilita ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' minn ikkaguna d-danni. (Ara "Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et", Prim'Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju,*

[9] **Edward Amato et vs Christopher Agius et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 2003.
[10] Deċiża 6 ta' Ottubru 2010.

*1938), ghax allura jitlef in-natura tieghu ta' kaz fortuwitu jew ta' forza magguri, la darba seta' jkun impedut mid-debitur stess permezz tad-diligenza medja u ordinarja tal-bniedem normali li huwa kien obbligat li juza."*

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma tista' tirravviza ebda fattur estern li l-eżistenza tiegħu huwa meħtieġ għar-riskontru tal-element ta' fortuwita`, u dan għaliex kif diġa' ġie stabbilit, il-kaġun tal-ingress tal-ilma fil-*basement* in kwistjoni huwa identifikabbli unikament fid-deterjorazzjoni minħabba *wear and tear* li l-konvenuta tgħid li hija stess ikkostatat fil-pipe li kien sitwat taħt it-triq, pipe li jirriżulta li kien ukoll taħt il-kontroll tagħha. Għaldaqstant ma jistax jigi ravviżat f'dan l-isfond ta' fatti, l-elementi meħtieġa għall-fortuwita', ċioe` l-elementi ta' imprevidibbilita` jew inevitabbilita`, anke għaliex pipe li l-ilma kostatantement jgħaddi minnu, hu mistenni li jiddeterjora u jiżviluppa ħsara li twassal għal ħrug u konsegwenti skular ta' ilma.

Għal dawn l-istess raġunijiet, id-deterjorazzjoni fil-pipe in kwistjoni ma tistax titqies bħala deterjorazzjoni raġjonevoli: kif diġa' stabbilit, jirriżulta li minn dan il-pipe kien skula kwantita' sostanzjali tal-ilma li għerreq il-*basement* f'ħin relattivament qasir. Fuq kollox, il-konvenuta ma ressqet l-ebda provi biex turi kif din id-deterjorazzjoni kienet "*raġjonevoli*" fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant, applikat l-insenjament dottrinali in materja, huwa ppruvat li l-Korporazzjoni taħti għall-ħsarat ikkaġunati għaliex id-deterjorazzjoni fil-pipe kienet prevedibbli u indubbjament, din il-ħsara kienet tkun ukoll evitabbli kieku saret manutenzjoni regolari fuq is-sistema tal-kanen tal-ilma biex dawn ma jispiċċawx bi ħsarat li effettivament taw lok għall-estremi ta' skular ta' ilma bħal dak riskontrat f'dan ik-każ.

Għaldaqstant, il-Qorti hija konvinta illi ġie ppruvat fil-grad meħtieġ mil-liġi ċioe' fuq preponderanza tal-probabbilitajiet, illi l-ħsara li ġiet ikkaġonata lill-ħwejjeġ tal-assigurat tas-soċjeta' attriċi, seħħet minħabba l-ħtija tal-konvenuta. Dan ifisser illi t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta fir-Risposta tagħha, m'humiex tajbin u ser jiġu respinti.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis ukoll li l-argoment tas-soċjeta' konvenuta li l-assigurat tas-soċjeta' attriċi kien negliġenti u kkontribwixxa għall-inċident, mhux biss m'huwa xejn konvinċenti iżda huwa wkoll infondat. Din il-linja difensjonali ma tinsabx espressament fost l-eċċezzjonijiet li ġew sollevati fir-Risposta tal-konvenuta għar-Rikors promotur u jidher li tqajmet biss fit-trattazzjoni orali tal-każ, fejn l-abbli avukat tal-Korporazzjoni konvenuta sottometta li l-assigurat tas-soċjeta' attriċi naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jiġi evitat id-dħul tal-ilma fil-*basement* tal-proprjeta' tiegħu. Ġie sottomess illi l-fatt li l-*basement* in kwistjoni jinsab taħt il-livell tat-triq ifisser li huwa espost għall-perkolazzjoni tal-ilma mit-triq u kwindi kien jinkombi lill-proprjetarju jieħu l-miżuri meħtieġa, fosthom li jitqiegħed il-qatran taħt l-art, biex jilqa' għal dawk l-istanzi fejn minħabba ħsara fil-kanen tal-ilma, l-ilma jipperkola għal isfel. In sostenn ta' dan, saret referenza għall-fatt illi mir-rapport tal-*loss adjustor*, Odette Farrugia, jirriżulta li l-Perit tal-assigurat innifsu irrakommandat li biex jiġi evitat fil-futur iktar perkolazzjoni tal-ilma fil-*basement*, jitħaffer *water culvert* mad-dawra tal-istess *basement*.

Il-Korporazzjoni konvenuta tikkontendi ulterjorment illi l-assigurat tas-soċjeta' attriċi ma marx minnufih fuq il-post hekk kif ġie mgħarraf li kien hemm skular ta' ilma fit-triq u dan in-nuqqas ifisser li huwa ma mexiex mal-obbligu li jinkombi lill-persuna danneġġjata li timinimizza d-danni.

Il-Qorti ma taqbilx. Diġa' ġie stabbilit li l-kawża unika tal-iskular tal-ilma li spiċċa daħal fil-proprjeta' assigurata kienet il-ħsara li ġarrbu l-pipes tal-konvenuta bħala riżultat ta' *wear and tear*. Għall-Qorti, dan il-fatt jista' jfisser biss li l-konvenuta naqset milli twettaq il-manutenzjoni meħtieġa b'mod tempestiv biex jiġu evitati konsegwenżi dannużi li kellhom ikunu altru minn raġjonevolment prevedibbli fiċ-ċirkostanzi ta' pipes għaddejjin taħt l-art li jġorru provvista kontinwa tal-ilma. Tqis ukoll li f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-ebda qatran (membrane) jew prekawzjoni strutturali oħra ma seta' jwaqqaf id-dħul tal-ilma fl-entita' li effettivament spiċċa daħal il-

*basement*. Għall-kuntrarju, l-assigurat tas-soċjeta' attriċi kellu kull dritt jistenna li min jagħti servizz bi ħlas bħalma hija l-provvista ta' ilma lill-proprjeta' tiegħu, jassigura li ma jikkaġunax ħsara lil ħwejġu u dan billi jittieħdu l-miżuri kollha preventivi u jwettqu r-riparazzjonijiet kollha meħtieġa tempestivament, sabiex din il-ħsara ma sseħħx.

Il-ħin meta l-assigurat wasal fuq il-post ukoll huwa irrelevanti meta kif stabbilit, l-iskular tal-ilma twaqqaf biss bit-tiswijiet temporanji li wettqet il-Korporazzjoni nnifisha u bis-sospensjoni tas-servizz tal-ilma. F'kull każ jirriżulta li l-iskular waqaf diversi sigħat wara li l-inċident ġie rapportat lill-Korporazzjoni[11]. Il-Qorti ma tistennix li persuna trid toqgħod għassa l-ħin kollu biex jilqa' għal kull akkadut li jista' jikkawża l-ħsara fi ħwejġu u ċertament, l-ipotesi li l-assigurat tas-soċjeta' attriċi kien, b'dan l-argoment, obbligat li jilmaħ minnufih l-iskular tal-ilma fit-triq u jilqa' b'xi mod huwa stess għall-ħsara li setgħet tikkonsegwi, m'hijiex ipotesi raġjonevoli. Kemm hu hekk, il-Qorti ma tirravviża l-ebda nuqqas da parti ta' James John King fl-obbligu tiegħu li jagħmel dak li kien raġjonevolment meħtieg biex jiġu minimizzati d-danni li llum qed jiġu reklamati minghand il-konvenuta.

Jinsab ritenut in tema:-

*"Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut".* [12]

Mill-provi jirriżulta li l-assigurat tas-soċjeta' attriċi kif wasal fuq il-post, minnufih niżel fil-basement u rah mgħarraq u minnufih irrapporta l-ħsara lill-Korporazzjoni. Xejn ma seta' jagħmel iktar minn hekk biex inaqqas l-entita' tal-ħsarat, oltre li hu ppruvat ukoll li xtara pompa dakinhar stess biex jitneħħa l-ilma mill-basement u li

[11] Mill-provi jirriżulta li l-assigurat tas-soċjeta' attriċi għamel kuntatt mal-Korporazzjoni għall-ħabta tas-1.00 p.m. fis-17 ta' Ġunju 2018, iżda kien biss għall-ħabta tal-4.00 p.m. li ntbagħat ħaddiem minn tagħha biex jillokalizza s-sors tal-ħruġ tal-ilma.

[12] **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri** - deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inf.] fl-20 ta' Ottubru 2003.

segwa l-istruzzjonijiet ta’ Odette Farrugia biex ma titkompliex issir il-ħsara. Pjuttost tqis li kien hemm dewmien da parti tal-Korporazzjoni nnifisha biex, wara li rċeviet ir-rapport, ħadet l-azzjoni meħtieġa biex effettivament twaqqaf il-ħruġ tal-ilma u l-ħsarat li kienu qed isiru bl-ingress tal-ilma fil-fond.

Ikkunsidrat;

Jirriżulta illi s-soċjeta’ assiguratriċi ħallset lill-assigurat tagħha james John King is-somma ta’ €6,040.55 rappreżentanti l-ammont likwidat mil-*loss adjustor* in kwantu l-valur tal-għamara u ħwejjeġ danneġġjati bl-ilma. Dawn il-ħsarat ġew kostatati personalment mill-istess *loss adjustor* waqt l-ispezzjonijiet li għamlet fil-fond. Il-komputazzjoni ta’ dan l-ammont jirriżulta mir-rendikont Dok. OF2, liema rendikont huwa mbagħad sostanzjat ulterjorment minn għadd ta’ riċevuti u dokumenti oħra li jevidenzjaw il-prezzijiet imħallsin mill-assigurat għat-tiswija jew rimpjazzament tal-ħwejjeġ imħassrin. Hu inkontestat illi dan l-ammont ta’ €6,040.55 tħallas lil James John King mis-soċjeta’ attriċi li ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu kwantu għall-irkupru ta’ dan l-ammont.

Il-Qorti rat ir-ritratti tal-ħsarat fl-oġġetti, ħwejjeġ u għamara fil-basement kif ukoll eżaminat il-lista mħejjija minn Odette Farrugia u r-riċevuti kollha esebiti in sostenn tal-ispejjeż reklamati mill-assigurat u li ġew approvati mill-imsemmija *loss adjustor* wara studju u evalwazzjoni li evidentement saru bir-reqqa. Tosserva wkoll li l-konvenuti ma ressqu l-ebda provi sabiex jikkontrastaw il-verżjoni attriċi dwar il-ħsarat li ġew ikkaġunati fil-kontenut tal-*basement* u lanqas intwera kif il-prezz imħallas għax-xiri jew tiswija tal-oġġetti danneġġjati, u li ġew provduti lis-socjeta` attrici, m’humiex realistiċi jew ġustifikati. Fuq kollox, il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova kwalsiasi li tikkonvinċi lill-Qorti l-għala ma għandhiex taċċetta l-valuri approvati mil-*loss adjustor*. *Multo magis* meta jirriżulta li l-valur tal-oġġetti danneġġjati ġie debitament sostanzjat bir-riċevuti tal-akkwist ta’ dawk l-oġġetti u meta jirriżulta wkoll li sar tnaqqis u aġġustamenti oħrajn fl-ammonti reklamati oriġinarjament mill-assigurat, biex il-valur finali jirrifletti b’mod iktar reali t-telf attwalment soffert.

Huwa sinjifikanti wkoll fir-rigward illi Odette Farrugia kkonfermat ukoll illi hija kienet aċċertat personalment il-valur reklamat ta' kull wieħed mill-oġġetti danneġġjati u kienet sodisfatta li l-valur finali li ġie approvat, kien aċċettabbli.

Għaldaqstant, il-Qorti fil-qies ta' dan kollu, qiegħda tqis bhala ġustifikata d-deċizjoni tas-socjeta` attrici li tħallas dawn l-ispejjez lill-assikurat taghha.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA tħallasha s-somma komplessiva ta' sitt elef u erbgħin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€6,040.55) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur u bl-imghax mill-24 ta' Ottubru 2019, data tan-notifika tal- ittra ufficjali bin-numru 2154/2019.**

**L-ispejjeż kif mitluba jitħallsu mill-konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**